KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 91

19 ta' Novembru, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.40 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea– Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 91

91.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
91.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru.89 – 8 u tal-Laqgħa b'Urġenza Nru. 90 – 8;
91.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
91.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
91.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
91.6 Il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita;
91.7 Triq Sannat;
91.8 Measure 4.4 – Support for non-productive investments;
91.9 Attivitajiet fi żmien il-Milied;
91.10 Data għall-Laqgħa Annwali Pubblika;
91.11 Ilmenti u Suġġerimenti;
91.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 11/2018;
91.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 91.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

91.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ infurmatu permezz ta' imejl li ma tistax tattendi għal din il-laqgħa.

## 91.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

91.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru. 89 – 8 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 90 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 91.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

91.3.1 Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri u s-Segretarju Eżekuttiv ferħu lill-Kunsilliera Cassar Sultana wara li gradwat fejn ġabet il-Masters riċenti.

91.3.2 Is-Sindku qal li bħal ma kien qal fil-laqgħa preċidenti l-Kuntrattur Road Construction Ltd. beda x-xogħolijiet fi Triq l-20 ta' Lulju biex imbgħad isir il-major patching fi Triq Saguna.

91.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur ta' Agri and Pet Supplies Ltd. li kien rebaħ l-offerta ta' Urban Green Project beda x-xogħolijiet tiegħu fejn fi pjazzetta Ta' Ċenċ tħawwlu 10 siġar tal-Oleander fil-pots. Meta ġie avviċinat mill-Kunsill qal li qed jistenna xi xogħolijiet minn barra biex ikompli b'dan ix-xogħol. Għax-xogħolijiet ta' Triq l-Isqof David Cocco Palmieri l-Kunsill għadu qed jistenna d-Dipartiment tal-Artijiet u Transport Malta.

91.3.4 Is-Sindku qal li bejn id-9 u l-10 ta' Novembru saret l-attivita' bl-isem Mużika plus bil-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex. L-attivita' ma rnexxietx kollha peress li is-Sibt wara nofsinhar kienet ix-xita u l-attivita' li kellha ssir fuq barra kellha tiġi kkanċellata.

91.3.5 Is-Sindku qal li x-xogħolijiet tal-ħadid tal-fencing tal-playing field fi Triq Sannat u Triq Marziena minn fondi tal-U.I.F. Planning Authority wasal fi stadju li jibda jeħel fil-post fil-ġranet li ġejjin.

91.3.6 Is-Sindku qal li l-bieraħ saret l-attivita' ta' Jum Dinji tat-tfal fi Pjazza Santa Margerita bejn is-1.00 p.m. u l-4.30 p.m. b'risq il-Malta Community Chest Fund. It-tfal kollha ta' l-iskejjel primarji f'Għawdex ġew infurmati b'dan permezz ta' flyer li tqassam lil kull tifel u tifla f'kull skola. Kien hemm attendenza sabiħa. Uħud mit-tfal li kienu se jipparteċipaw bil-kant tagħhom waqt il-Mużika plus u ma rnexxix peress li dakinhar kien il-maltemp ġew mistiedna u pparteċipaw. Għal din l-attivita' ntużaw s-servizzi ta'Esplora, ERRC u JumpMalta. Waqt din l-attivita' nġabret is-somma ta' €607.23ċ li dawn se jingħataw waqt iż-żjara tal-President ta' Malta fix-xahar ta' Diċembru. Il-Kunsilliera Cassar Sultana semmiet jekk hux possibli li ssir car

wash miż-żgħażagħ biex jinġabru aktar fondi għal din il-kampanja. Il-Kunsill qabel li għandu jara dwar dan.

91.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet saret laqgħa għal l-aħħar ta' dan is-sajf mall-President ta' Malta flimkien mall-Kunsilli Lokali kollha Għawdxin dwar l-attivita' tal-Istrina għal ġbir ta' fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund u dawk li huma nqass xxurtjati minnha u fil-bżonn. Għalhekk il-Kunsill qabel biex bħas-snin l-imgħoddija lir-residenti jintbgħatilhom envelope u min jixtieq li jgħin jkun jista jgħamel dan billi jitfgħu f'kaxxa apposta fl-uffiċċju tal-Kunsill jew il-Knisja Parrokjali.

91.3.8 Is-Sindku qal li l-kumpanija GoTo kitbet lill-Kunsill fejn talbet biex fi Pjazza Santa Margerita, parkeġġ milli hemm dak ta' taħt iż-żuntier fuq in-naħa ta' Triq Ċenċ isir parkeġġ għal vettura li taħdem bl-eletriku minn din il-kumpanija u li din tista tintuża minn kulħadd permezz ta' application apposta billi tibbukja, issuq u tipparkja f'parkeġġi oħra apposta kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

91.3.9 Is-Sindku qal li l-kontenituri għas-separazzjoni tal-iskart f' Ta' Sannat ser jitqassmu mill-Pjazza Santa Margerita nhar l-Erbgħa 21 ta' Novembru 2018 bejn 7.00 a.m. u nofsinhar u mill-4.00 p.m. u s-7.00 p.m. Ir-residenti Ta' Sannat ġew infurmati b'dan permezz ta' avviż li tqassam f'kull dar.

## 91.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

91.4.1 Il-Kunsillier Joe Bajada staqsa lill-Kunsill meta il-passaġġ minn Triq il-Kbira għal Triq Xamgħan se jiġi ppeċjat bil-konkos. Is-Sindku wieġeb li l-Kuntrattur ntalab jgħati stima ta' dan.

## 91.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

91.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kont għax-xogħolijiet fi Triq Bardan b'fondi ewropej miksuba minn Miżura 4.3 mill-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. u li xogħol fuq din it-triq tlesta f'Settembru li għadda għadu ma ġiex ċċertifikat mill-perit peress li l-kuntrattur kellu jiċċara xi punti minn dan il-kont. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu jerġa jgħamel talba għal estensjoni ta' xahar ieħor cioe' sal-31 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill qabel ma dan.

91.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li llum ser issir il-Laqgħa Nru. 77 tar-Reġjun Għawdex fis-7.15 p.m. Is-Sindku qal li se jattendi għal din il-laqgħa.

91.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret talba mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskadenza tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn dan jista' jiġi mġedded. Il-Kunsill qabel ma dan.

91.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nġabru kwotazzjonijiet biex jinxtraw 4 safety boots, 4 boiler suits, 4 pari ngwanti heavy duty, 4 visibility vests u 3 safety glasses għal ħaddiema tal-CWSEF li l-Kunsill għandu assenjati miegħu. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinxtraw.

91.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li l-Kunsill kien applika mill-iskema ta' finanzjament favur il-komunita' għal-Libreriji Lokali/Reġjonali tad-DLG fejn il-Kunsill kien applika biex jiġi nstallat airconditioner fil-librerija lokali, l-Kunsill ibbenefika €400 u iffirma l-ftehim għal dan. Għada, 20 ta' Novembru 2018, fis-6.15 p.m. ġewwa l-Gran Salon, Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija,

Valletta se ssir il-preżentazzjoni ta' fondi għal dan fejn se jattendi s-Sindku. Sadanittant il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għal dan u dawn għaddijhom lill-Inġinier fejn hi qed tirrakomanda li l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża hija b'wieħed ta' 24,000BTU/hr u li l-prezz tiegħu hu ta' €1050. B'hekk il-kunsill għandu joħroġ id-differenza ta' €650. Dan ix-xogħol irid isir u jitħallas sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2019.

91.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dental Health Department infurmat b'permezz ta' imejl jekk il-Kunsill hux interessat li jsiru taħditied dwar dan il-qasam. Il-Kunsill qabel li din tista ssir.

91.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2018, fis-6.00 p.m. fl-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat Għawdex ser issir laqgħa ta' konsultazzjoni mill-Onor. Silvio Parnis, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet dwar l-White Paper sabiex jisma' l-kummenti u s-suġġerimenti fir rigward ta' din ir-riforma. Hu qal li ser issir laqgħa oħra għar-residenti kollha ta' Għawdex nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2018 fis-6.30 p.m. fil-Każin tal-Banda, Ix-Xewkija. Il-Kunsillieri talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex l-uffiċċju jffakarhom bid-dati.

91.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill permezz ta' Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'referenza DLG 10/2018 dwar l-allokazzjoni finanzjarja fejn għas-sena 2019 il-Kunsill Lokali Ta' Sannat għandu allokat €245,786 b'żieda ta' €12,768 mis-sena l-oħra.

91.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva l-pagament ta' €2000 mis-Segretarjat għal Biedja, Sajd u drittijiet tal-Annimali għall-attivita' ta' Lejla Raħlija li saret f' Settembru li għadda.

91.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva l-pagament ta' €4141.80ċ mingħand il-Ministeru għal Għawdex li l-Kunsill kien applika mill-iskema tar-restawr għal monument ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri.

91.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

| | |
|---|---|
| DLG 9/2018 | Sistema ta' file sharing (IntraLocal) |
| DLG 10/2018 | Allokazzjoni Finanzjarja għal 2019 |
| SPI 12/2018 | Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiziku u Sports. |

Dwar Ċirkulari SPI 12/2018 il-Kunsill qabel li għandu japplika għal Field Day u Aerobic Classes fis-sena 2019 dejjem jekk il-Kunsill jibbenefika.

## 91.6 Il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita

91.6.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li wara li saret il-laqgħa b'urgenża ta' nhar it-30 ta' Ottubru 2018, dwar it-Tender SNTLC 07/2018 Repaving of Pjazza Santa Margerita u l-Kunsill iddiskuta dan peress li rriżulta li l-offerti offruti kienu għola minn dak fl-istima għal dan il-proġett, il-Kunsill immedjatament talab laqgħa mall-Ministeru għal Għawdex u din il-laqgħa saret nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2018 fejn attendew minn naħa tal-Kunsill is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex il-Ministru l-Onor. Justyne Caruana, is-Segretarju tal-Komunikazzjonijiet is-Sur Joseph Dingli u l-Assistent Direttur għal Proġetti u Żvillup is-Sur

Lorry Apap fejn flimkien iddiskutew dan il-proġett ħolistiku. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministru ppreżentat l-għotja inizjali ta' €400,000 għal dan il-proġett u li se tkun qed tgħin u tiffinanzja dan il-proġett kollu kemm hu. B'hekk il-Kunsill għandu jerġa joħroġ din l-offerta mill-ġdid. Sadanittant il-Kunsill qed jipprepara biex il-ġimgħa d-dieħla din l-offerta terġa toħroġ bis-sistema tal-ePPS. Hu ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel li l-bord tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni se jibqa l-istess minbarra l-Perit Cachia minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex peress li dan wasal biex jirtira u għandu jintalab biex jinħatar Uffiċjal jew Perit ieħor kif kien maqbul mill-Ministeru. Il-Sindku qal li waqt il-laqgħa u d-diskussjoni mall-Ministeru ssemmew wkoll is-sistemi ta' dwal ġodda f'din il-pjazza u li għal dan kien hemm qbil li trid toħroġ offerta separata. Il-Kunsill qabel li l-Kumpanija Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. taħdem biex il-Kunsill ikun jista joħroġ din l-offerta. Is-Sindku qal li l-Ministru għal Għawdex semmiet dan il-proġett kemm il-darba fuq il-mezzi tax-xandir fosthom fil-Budget Speech u fil-programm ta' Għawdex Illum. Kien hemm qbil unanimu minn naħa tal-Kunsill fuq dan.

## 91.7 Triq Sannat

91.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt il-laqgħa li saret mall-Ministeru għal Għawdex dwar il-proġett ħolistiku ta' Pjazza Santa Margerita ġiet diskussa wkoll Triq Sannat u dwar kemm ir-residenti tal-lokal kontinwament bir-raġun jilmentaw dwar l-istat ħażin ta' din it-triq l-aktar fix-xitwa bl-ilmijiet kbar li jgħaddu minnha. Hu qal li l-Ministru għal Għawdex tifhem lir-residenti u qalet li lesta li tgħin biex din it-triq issir ukoll. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ipprepara ix-xogħolijiet bl-istima tal-perit sa anke saru l-livelli ta' din it-triq u semmha li l-permess mall-Awtorita' tal-Ippjanar fuq il-junction tal-entratura għal Ta' Sannat kien skada u ma reġax ġie mġedded minn naħa tal-Ministeru dakinhar u għalhekk trid terġa ssir applikazzjoni mill-ġdid. Is-Sindku qal li l-Ministru qalet u talbet lill-Kunsill biex ikun responsabbli mix-xogħolijiet ta din it-triq u li se tinkludieh mall-proġett tal-pjazza. Dwar dan il-Kunsill talab biex isir ftehim dwar din it-triq. Minn naħa tal-Ministeru qalu li l-parti l-oħra ta' Triq it-Tabib Anton Tabone (l-qasam) ix-xogħol mistenni li jibda wara li dan l-aħħar kienet ħarġet l-offerta u ngħatat lill-Kuntrattur b'hekk f'din it-triq se jsir il-water culvert li dan se jingħaqqad ma dak ta' Triq Sannat. Is-Sindku semmha li hu talab li l-katusi ta dan il-water culvert iridu jkunu tas-600. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ l-offerta għal Triq Sannat. Il-Kunsill ħatar lil Avukat Mario Scerri, lil Accountant Pauliana Said u l-Perit Gordon Vella flimkien mas-Sindku bħala Chairman u s-Segretarju Eżekuttiv biex ikun parti mill-bord għal evalwazzjoni u aġġudikazjoni ta din l-offerta.

## 91.8 Measure 4.4 – Support for non-productive investments

91.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li l-Kunsill kien ġie nnotifikat f'Awwissu li għadda li mill-applikazzjoni ta' Miżura 4.4 - Support for non-productive investement of the Rural Development Programme 2014 – 2020 fondi ewropej fejn il-Kunsill kien ibbenefika qal li saret laqgħa apposta nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru 2018 fejn għaliha attenda s-Segretarju Eżekuttiv fejn ġejna nfurmati li fi żmien li ġej se jiġi ffirmat il-kuntratt biex ikun jista jibda x-xogħol. Il-Kunsill kien applika biex jiġu rrestawrati u jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Bardan u Triq Mġarr ix-Xini. Hu qal li l-Kunsill għandu joħroġ l-offerti bis-sistema tal-ePPS. Il-Kunsill ħatar lil Avukat Larry Formosa, l-Accountant Pauliana Said u lil Perit Gordon Vella biex ikunu parti mill-bord għal l-evalwazzjoni u l-aġġudikazjoni tal-offerti.

## 91.9 Attivitajiet fi żmien il-Milied

91.9.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li għaż-żminijiet tal-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita ser tinxtgħel bi dwal dekorattivi minn nhar is-Sibt 8 ta' Diċembru 2018 sa nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar 2019. Il-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija se jarma l-presepju fi Pjazza Santa Margerita.

91.9.2 Is-Sindku qal li bħas-snin l-imgħoddija matul ix-xahar ta' Diċembru l-Kunsill se jżur lill-anzjani u l-persuni bi bżonnijiet speċjali biex b'hekk nuru s-soledarjeta ma dawn il- persuni f'din il-lokalita'.

91.9.3 Il-Kunsill iddiskuta biex isiru dawn l-attivitajiet għal waqt dawn iż-żminijiet li ġejjin matul ix-xahar ta' Diċembru 2018 u Jannar 2019. Nhar il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2018 f' Jum ir-Repubblika, ħarġa għal Malta. Nhar l-Erbgħa 26 ta' Diċembru 2018 l-għada tal-Milied, ħarġa għat-tfal u nhar il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2019, treat żgħir lil għaqdiet voluntieri tal-lokal.

91.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva imejl mingħand is-Soċjeta Mużikali Santa Margerita fejn qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali biex bħal kull sena jittella' l-kunċert annwali mużikali fi żmien il-Milied bl-isem The Grand Christmas Concert u li dan din is-sena se jsir nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2018, fil-Knisja Parrokjali. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

## 91.10 Data għall-Laqgħa Annwali Pubblika

91.10.1 Il-Kunsill ddeċieda li l-Laqgħa Annwali Pubblika għandha ssir nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru, 2018 fl-4.00 p.m. Il-Kunsill qabel li għandhom jintbgħatu l-avviżi lir-residenti u li dan jiġi ppublikat fuq il-ġazzetta tal-Gven.

## 91.11 Ilmenti u Suġġerimenti

91.11.1 Is-Sur John Spiteri qed jitlob li jerġa jinbena ħajt tas-sejjieħ ta' għalqa limiti tal-Lewż Ta' Sannat. Dan l-ilment intbgħat bis-sistema tal-IMU MGOZ.

91.11.2 Is-Sur William Mcgoey li joqgħod fi Triq il-Kbira qed jitlob sabiex titbaxxa l-bankina. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

91.11.3 Is-Sinjura MaryAnne Spiteri ta' Triq Dun Luqa qed titlob sabiex tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem id-dar tagħha peress li nqalgħu l-*blocks* ta din il-bankina. Il-Kunsill qabel li għandu jitqabbad il-kuntrattur biex jkun jista isir dan ix-xogħol.

91.11.4 Is-Sinjura Marie Josette Vella Magro ta' Triq l-20 ta' Lulju qed titlob li ssir kaxxa għal *parking* tad-*disabled* fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha ssir wara li titlesta it-triq bil-hot rolled asphalt.

91.11.5 Is-Sur Mario Azzopardi ta' Triq il-Moxa qed jitlob sabiex tiġi rranġata r-rampa ta' quddiem il-*garaxx* għax qeda ħażin. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

91.11.6 Is-Sinjura Vinnie Stellini ta' Triq l-Isqof D. Cocco Palmeri qed titlob li ssir l-bażi tal-bankina (kurdun u *siment*) u tuża l-madum tagħha. Il-Kunsill għandu jitlob dan il-MGOZ.

91.11.7 Is-Sur George Camilleri qed jitlob sabiex isir *double yellow line* fi Triq Skerla fejn tidjieq it-triq. Il-Kunsill qal li dan kien hemm u għandu jerġa jsir.

91.11.8 Is-Sur Marvic Hili ta’ Triq Dun Luqa qed jitlob li jitwalu d-double yellow lines ta quddiem il-garaxx tad-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel biex issir talba lill-Transport Malta.

91.11.9 Is-Sur Daniel Grima ta’ Triq Pisoniano qed jitlob li jsiru double yellow lines faċċata tal-garaxx tiegħu dan għaliex mhux qed ikun jista jidħol u joħroġ bil-vettura. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Transport Malta.

91.11.10 Is-Sur Ellis tal-Girna Residence qed jitlob biex titkompla l-bankina. Il-Kunsill qabel li għandu jara eżatt x’inhu l-bżonn meħtieġ.

91.11.11 Is-Sur Johnaton Vella ta’ Triq Xamgħan qed jitlob biex issir bankina ġdida mad-dar tiegħu f’din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandu jintalab dan bis-sistema tal-IMU tal-MGOZ.

91.11.12 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jitlob laqgħa ma Transport Malta dwar l-immanigjar tat-traffiku fit-toroq f’ Ta’ Sannat. Il-Kunsill qabel ma dan.

91.11.13 Il-Kunsillier Joe Bajada qed jissuġġerixxi li Triq Saguna fejn joqgħod hu tiġi one way minn naħa ta’ Triq il-Kbira ssir no entry. Il-Kunsill qabel li għandu jara dan ma T.M.

## 91.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 11/2018

91.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 11/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 91.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

91.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.20 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta’ Diċembru 2018 fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 17 ta’ Diċembru, 2018

(Iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(Iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv